# Sant' Elena u s-Sejba tas-Salib Imqaddes fi priedki u paniġierki antiki

Br. Andrè Azzopardi OFM Cap.

Il-kliem tal-Kav. Giuseppe Dimech Debono*"Ismek gie miktub fl-istorja biex le minsi jkun fiz-zmien,"* naħseb li hu ferm f' waqtu iżjed u iżjed meta tara li l-qima lejn din il-qaddisa tmur lil hinn minn Birkirkara, iżda hu mifrux mad-dinja kollha. Żgur li l-letteratura kienet mezz qawwi biex insiru nafu iżjed dwar il-ħajja tal-qaddisa kif ukoll dwar x' wassal biex tkun meqjuma mill-Knisja Kattolika bħala l-qaddisa li għexet il-misteru tas-Salib qabel sabitu f' Ġerusalemm fis-sena 325 W.K.

Mal-medda tas-snin, fl-interess tiegħi li nsir naf iktar dwar il-qima lejn din il-qaddisa, iltqajt ma' għadd ta' kitbiet dwar ħajjitha kif ukoll xi paniġierki antiki. Dawn kienu saru fl-okkażjoni tal-festa ta' Sant' Elena jew fil-festa f' ġieh is-Sejba tas-Salib mill-istess qaddisa. Xi wħud minnhom huma bit-Taljan filwaqt li oħrajn huma bil-Malti. Mhux żgur jekk hux dawn kollha saru fil-festi li jsiru f' Birkirkara. Izda hu cert li jkomplu jitfgħu d-dawl fuq din il-qaddisa.

L-ewwel kitba li ltqajt magħha hi dik ta' l-1768. Fuqha hemm miktub *"Panegirico Della Santa Croce recitato nella Chiesa dei Min. Osservanti il tre Maggio la mattina l anno 1768"*. Mhux magħruf minn seta' kien l-awtur tiegħu għalkemm l-antikità ta' dan id-dokument tidher fil-kaligrafija li mhix faċli taqraha.

Il-Kanonku Gioacchino Berti, li kien tezorier tal-Kolleġġjata Sengleana, jagħtina għadd ta' panegierki bit-Taljan fil-ktieb tiegħu *"Panegirici e Sermoni Recitati in varie Solennità."* Dan il-ktieb gie ppubblikat f' Livorno, l-Italja mit-*"Tipografia Sardi"* fl-1837. Fost il-paniġierki li nsibu f' din il-kitba naraw tnejn f' ġieh Sant' Elena. L-ewwel wieħed x' aktarx li sar fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta[1] u għalih kien preżenti Mons. Fra Vincenzo Labini li kien Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta. It-tieni panigierku hu differenti mill-ewwel wieħed iżda la hemm is-sena u lanqas il-lokal fejn sar. Il-paġni li fihom wieħed jista' jsib dawn iż-żewġ priedki huma 136 sa 152.

Kitba oħra, din id-darba bit-Taljan, hi meħuda minn ktieb bl-isem ta' *"Panegirici e Discorsi"* ta' Grech. Dan kien ippubblikat fl-1893 u jiġbor fih xi priedki oħra li saru f' ġieh qaddisin oħrajn. Dak ta' Sant' Elena mhux twil wisq u x' aktarx li sar f' Birkirkara fl-1886 skond data li tingħata fil-bidu tal-paniġierku. Il-paġni li fih jinsab dan il-paniġierku huma 349 sa 362.

Il-priedki bit-Taljan li għamlu Evasio Leone u l-Abbati Girolamo Trento fuq is-sejba tas-Salib Imqaddes huma miġbura f' *"Collana Panegirica di Celebri Oratori Italiani e Francesi per le feste di Nostro Signore, della Beata Vergine e dei Santi"* fit-tieni volum. Il-pubblikazzjoni ta' din il-kullana saret f' Torino fl-1842. Ma naħsibx illi dawn qatt setgħu saru f' Malta, iżda ta' min iġibhom għall-attenzjoni tal-qarrejja xorta waħda.

Ħajja ta' Sant' Elena li naħseb li hawn ħafna kopji tagħha hija dik tas-sacerdot Dr. Giovanni Bugeja: *"Storia Critica sulla vita di S. Elena Imperatrice"* . Kif kienet ix-xejra ta' dak iż-żmien, hi miktuba bit-Taljan. Ġiet ippubblikata f'Malta fl-1875 fit-*Tipografia del Corriere,* ta' Triq l-Ifran, il-Belt Valletta. Il-ħajja tal-qaddisa hi maqsuma fi tlettax-il taqsima u fl-aħħar taqsima l-awtur jagħmel aċċenn għall-qima li din il-qaddisa tingħata f'Birkirkara.

Paniġierku antik f' ġieh Sant' Elena hu dak ta' l-1880. Dan sar fil-knisja Kolleġġjata ta' Birkirkara nhar it-tmintax t' Awissu ta' dik is-sena mis-sacerdot Dr. Michele Fenech. Kien stampat Malta minn *Zefirino Micallef Tipografo* ta' nru. 6, Triq it-Teatru. It-tul tiegħu hu ta' tlettax-il paġna u hu miktub bit-Taljan.

Zewg priedki oħra fuq is-Sejba u l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes insibuhom f' kitba bit-Taljan ta' Domenico Scotti-Pagliara, kanonku tal-Kattidral ta' Napli fl-Italja. Dawn jinsabu fil-ktieb tiegħu *"Gesù Cristo. Sermoni e Panegirici"* ippubblikat fl-1898. Dak dwar is-sejba ta' l-Ghuda Qaddisa jinsab f' pagni 412 sa 418, filwaqt li l-ieħor li jitkellem dwar il-glorja ta' l-Għuda tas-Salvazzjoni taghna jinsab f' pagni 418 sa 423.

*"IL HAJJA TA S. ELENA IMPERATRICI"* hija kitba oħra ta' l-1906 u ġiet ippubblikata mit-*"Tipografia Fenech"* li milli jidher kellha l-istamperija tagħha fil-Wied ta' Birkirkara. Din il-kitba li kellha s-sensja tal-Knisja, hi waħda interessanti għaliex fil-qoxra jingħad li kienet l-ewwel ħajja tal-qaddisa li nkitbet bil- Malti. L-awtur tagħha mhux magħruf iżda minn tagħrif li nsibu fuq il-qoxra tal-manuskritt jingħad li saret mid-Dilettant L.S.B. Din il-ħajja hi maqsuma fi ħdax-il taqsima li fihom, kif mistenni, l-awtur jagħti ħarsa lejn dak li għaddiet minnu Sant' Elena, f' madwar ħamsa u ħamsin paġna tal-ktieb. Il-paġni l-



oħra fihom tifħir u talb lil din il-qaddisa patruna tal-Kolleġġjata Karkariza bħal kurunella u innu, fost oħrajn.

Kitba oħra ġġib l-istess sena, jigifieri l-1906: *"Panegirico di Sant' Elena Imperatrice"* u sar minn Patri Agostinjan, jigifieri, P. Luigi M. Muscat fit-18 t' Awwisu 1906 fl-*"Ins. Colleg. e Mat. Chiesa di Birchircara"*. Hu ppubblikat f' *Tipografia del MALTA*, 16, *Strada Zecca*, il-Belt Valletta. Hu interessanti l-fatt li l-

Sant'Elena fuq l-artal tal-Kurċifiss.
Ignaz Günther (1765/66), Parroċċa San Pietru u San Pawl, Munich






awtur jiddedika l-kitba tiegħu lill-Beatu Stefano Bellesini, religjuż Agostinjan, li għex ħajja qaddisa u li kien appostlu tal-karità. Paniġierku ieħor hu dak li sar mis-saċerdot Alf. Gauci fl-okkażjoni tal-festa tas-Sejba tas-Salib Imqaddes.

Miktub bil-Malti, għalkemm la l-post u lanqas id-data ma jidhru.

Fil-Biblijoteka Provinċjali tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini fil-Floriana iltqajt ma' xi priedki li saru minn Patrijiet Maltin fi ħdan dan l-Ordni Minuri f' ġieh Sant' Elena u s-Salib Imqaddes. Dawn il-priedki huma kkonservati ferm minħabba l-valur storiku tagħhom. Inkitbu fuq pitazzi li x' aktarx kienu jużawhom l-istess patrijiet waqt it-tħejjija tagħhom qabel ma jmorru jippridkaw. X' uħud huma miktuba bil-Malti filwaqt li oħrajn inkitbu bit-Taljan. Id-data u l-post ta' fejn saru mhux dejjem hi magħrufa.

Fost dawn hemm dawk ta' P. Fidiel Vella minn Għawdex f' ġieh Sant' Elena li sar f' Birkirkara fl-1936 u ieħor li sar f' Birkirkara ukoll iżda fl-1964. It-tul ta' dawn it-tnejn f' kitba hu wieħed konsiderevoli; P. Lawrenz Ceci minn Bormla, paniġerista magħruf, li għandu wieħed fuq is-Sejba tas-Salib Imqaddes u iehor fuq il-qaddisa tagħna; P. Filippu minn Senglea fuq is-sejba tas-Salib Imqaddes. Skond nota li hemm fil-qoxra tal-manuskritt naraw li dan kien irreċitat għal darbtejn. L-ewwel darba sar fil-knisja tal-Patrijiet Frangiskani Kapuċċini tal-Floriana nhar it-3 ta' Mejju 1902 filwaqt li fl-istess jum tas-sena 1903 kien sar fil-Parroċċa ta' Għajnsielem, Għawdex.

Fl-ewwel volum ta' *"Discorsi Sacri"* li jikkonsisti f' ghadd ta' paniġierki minsuġa minn Monsinjur Prof. Luigi Farrugia D.D., naraw paneġierku f' ġieh Sant' Elena. Dan Farrugia kien kanonku tal-Kattidral u Prelat Domestiku tal-Qdusija Tiegħu l-Papa. Il-ktieb kien ippubblikat mill-Empire Press ta' 266, Triq San Pawl, il-Belt Valletta. Id-data tal-pubblikazzjoni mhijiex magħrufa iżda din setghet kienet qrib is-sena 1926 meta l-ktieb ingħata l-approvazzjoni tal-Knisja. Il-paniġierku jinsab f' paġni 347 u 356 u x' aktarx illi kien sar f' Birkirkara, għalkemm mhux possibbli li jkun magħruf f' liema sena seta' sar.

Ma' dawn il-kitbiet li semmejt zgur li hemm oħrajn li jinsabu f' kollezzjonijiet oħrajn. Huma mera tat-tifħir li din il-qaddisa ngħatat matul iż-żmien u jgħinuna sabiex nifhmu aħjar il-ħajja ta' qdusija li għexet.

---

1 F'din il-Knisja kien hemm artal u fratellanza ddedikati lil S. Elena bħala patruna ta' l-arġentiera. Flokha llum hem mil-kappella tal-Madonna tal-Karitaċ, u l-kwadru tal-qaddisa jinsab fl-oratorju qrib.